MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 132/2005

***Maltacom p.l.c (C 22334)***
***u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2008 isem din is-Socjeta' gie mibdul***
***Ghal "GO p.lc."***

***Vs***

***Laura (I.D.2769 G) u***
***Carmelo (I.D. 387752 M)***
***konjugi Zarb.***

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu s-somma ta' elf hames mija sitta u tmenin liri maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm 1,586.54) rappresentanti ammont minnhom dovut inkonnessjoni ma' servizzi telefonci in kwantu ghal Lm734.73 fuq servizz

telefoniku li jgib in-numru 21419634 in kwantu ghal Lm 755.65 fuq servizz telefoniku 21420422 u in kwantu ghal Lm 96.16 fuq servizz telefoniku 21562739 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A, Dok B, Dok C) liema servizzi gew installati fil-fond numru 33, Misrah Darnino, Naxxar, respettivament u dana kif jirrizulta mill-annes Dok D.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti, annessi mal-istess avviz, a fol 2 sa fol 6 tal-atti u markati minn Dok A sa Dok D.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Zarb (a fol 33 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok kwantu ghall maggjor parti tal-kont, tali azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti huwa de facto separat minn ma' martu l-konvenuta l-ohra u s-servizz in kwistjoni iddahhal minnha u gie utilizzat esklussivament minnha permezz ta' telefonati maghmula minnha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat dak verbalizzat a fol 37 ibid in rigward il-konvenuta u dan dwar in-notifika ta' din.

Rat is-sentenza preliminari mghotija, in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenut u dan fid-29 ta' Ottubru, 2007 (a fol 58 et seq ibid) u li biha giet michuda l-istess eccezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in noti rispettivi tal-partijiet a fol 121 u fol 124 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti tal-kawza l-konvenuta giet notifikata a bazi tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-

Ligijiet ta’ Malta (ara fol 37 ibid) cjnonostanti hi qatt ma kkuntestat, b’xi mod, it-talba attrici fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-istess talba attrici, il-konvenut, kif jidher mit-tieni (2) eccezzjoni sottomessa minnu (a fol 33 ibid), qed jallega illi hu u martu, il-konvenuta, huma “de fecto” separati u “.....s-servizz in kwistjoni iddahhal minnha u gie utilizzat esklussivament minnha permezz ta’ telefonati maghmula minnha .....” Dwar dan hu jixhed (a fol 79 et seq ibid) illi martu kienet telqet mid-dar matrimonjali, dik indikata fl-istess xhieda, madwar “...seba’ snin ilu, cjoe fl-1998.” Dwar in-numri in kwistjoni kif msejjhin fl-avviz in ezami, hu semma illi kien applika’ hu personalment ghal wiehed minnhom minghajr ma seta’ jiftakar liema wiehed kien waqt li l-ohrajn kien sar jaf bihom meta saret din il-kawza u l-applikazzjoni kienet saret mill-konvenuta. Difatti, meta kien ghamel verifiki mas-socjeta’ attrici, skond hu “....l-ammont kien inbidel fis-sens li issa (t)naqqas”. Inoltre, dejjem skond hu u dwar l-ahhar zewg numri msemmija kien tkellem mal-konvenuta u din kienet accettat li thallas il-kontijiet relattivi. In kontroezami (fol 105 ibid) il-konvenut kien qal illi hu w il-konvenuta kienu waslu fl-istadju ta’ proceduri ta’ separazzjoni u kienu qed jirrisjedu f’postijiet separati. Sussegwentement hu ppreciza illi b’referenza ghal post numru “33” f’Misrah Darnino fin-Naxxar imsemmi fl-avviz, dan kien ‘garage’ li kien intiret minnu u “m’ghadux ghandu”. Inoltre hu ma kienx applika ghal servizz telefoniku f’dan il-‘garage’, izda kienet martu, il-konvenuta li “....dahhlitha” il-linja.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhud lil Dottor Ingrid Zammit Young (fol 33 u fol 103 et seq ibid) li annettiet ukoll, diversi dokumenti. Din ikkonfermat illi dan il-kaz jirreferi ghal tlett linji ta’ telefon. In rigward linja wahda numru 21419634 (fol 89), “....kien hemm il-firma ta’ Carmelo Zarb” waqt li z-zewg linji l-ohra kienu “....gew ordnati mill-konvenuta Laura Zarb” u dwar dawn tal-ahhar

kien sar ftehim ta' 'repayment programme' mal-istess konvenuta (ara fol 107 ibid). Fuq dan il-ftehim hemm imnizzel bhala ir-'registered subscriber' il-konvenut avolja ma kienx hemm il-firma tieghu.

Ikkunsiderat

Illi, sentetizzati l-provi in ezami ghandu jinghad li :-

a) Bejn il-konvenuti li ghadhom fi procedura ta' separazzjoni ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti.

b) L-artikolu 1322, jghid, b'mod car illi l-amministrazzjoni ordinarja tal-istess komunjoni u d-dritt li tharrek jew li tigi mharrek huma vestiti f'kull wahda mill-partijiet mizzewga.

c) Fis-subinciz (3) tal-istess artikolu 1322 hemm elenkati l-atti ta' amministrazzjoni ordinarja. Dan il-kaz jitratta dwar l-ghoti ta' servizz ta' telefonija fissa u dan l-att, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jinkwadrax ruhu f'wiehed minn dawn l-atti u ghalhekk kull konjugi seta' jesercita l-istess atti, li jerga' jinghad, hu wiehed ta' amministrazzjoni ordinarja. Konsegwentament, kull konjugi, individwalment seta' jiffirma l-ftehim relattiv, li jorbot il-komunjoni tal-akkwisti in ezami vigenti bejn il-konvenuti.

d) Dan premess, ghalhekk l-eccezzjoni in ezami ma tistax tigi akkolta.

Illi, fil-qasir, l-ammont specifikat fl-avviz hu dovut mill-konvenuti bhala amministrattivi flimkien, fil-komunjoni tal-akkwisti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,586.54 ossija €3,695.64, bl-imghax legali mid-9 ta' Marzu, 2005 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez ta' din il-procedura u t-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------